MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 533/2014

**Strand Palace Agencies Limited (C3838)**

**vs**

**Ta' Natu Limited (C8167) u**

**Joseph Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Strand Palace Agencies Limited li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti kienet tbiegh u tikkonsenja lill-kumpannija intimata, gewwa Ta' Natu Supermarket, Mosta merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel.

Is-socjetà intimata, kif jirrizulta mill-istatement hawn anness u mmarkat **Dok. A**, ghandha thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€23,924.75c), liema somma tirrapprezenta l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija minnha mibjugha u kkonsenjata lis-socjetà intimata, "Ta' Natu Limited".

L-intimat Joseph Vella, personalment, huwa solidalment u indivisament responsabbli mas-socjetà intimata Ta' Natu Limited, ghall-hlas tal-ammont fuq indikat, kif jirrizulta minn skrittura privata hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. B**.

Ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu il-bilanc fuq imsemmi, dawn baqghu passivi u inadempjenti.

Is-socjetà rikorrenti ghalhekk tinsab kreditrici tal-intimati, b'mod solidali u indiviz bejniethom, fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€23,924.75c), hekk kif fuq spjegat.

Ghalhekk is-socjetà rikorrenti kellha bilfors ddur versu l-awtorità gudizzjarja sabiex tirriskwoti u tithallas id-dejn/kreditu minghajr l-intimati kif deskritt *supra*.

L-esponenti *nomine* jiddikjara li l-fatti suesposti jafhom hu personalment *qua* direttur tas-socjetà rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-intimati, b'mod solidali u indiviz bejneithom, bhala debituri fil-konfront tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€23,924.75c), kif fuq deskritt.

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-intimati, b'mod solidali u indiviz bejniethom, sabiex ihallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u sebghin ewro centezmi (€23,924.75c).

Bl-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluzi tal-mandat ta' sekwestru numru 944/14 prezentat kontestwalment mal-prezenti u bl-imghax legali fuq l-ammont domandat mill-1 ta' Lulju, 2013, data tal-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-intimati li huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li ghalkemm debitament notifikati kemm Ta' Natu Limited kif ukoll Joseph Vella ma wiegbux ghall-kawza.

Semghet lix-xhud.

Rat l-atti.

Rat li, minkejja li moghtija l-fakoltà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, iz-zewg intimati ma ghamlu xejn minn dan.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ghandu jigi enfasizzat fil-kuntest illi fl-insenjament ta' dawn il-Qrati, l-kontumacja m'hija qatt meqjusa bhala ammissjoni tat-talbiet, izda jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova t-talba tieghu.

Dan premess, ir-rikorrenti irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi t-talbiet tieghu jisthoqqilhom jintlaqghu. Dan ghamlu permezz tax-xhieda viva voce ta' Stephen Calleja, flimkien mad-dokumenti minnu esibiti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-intimati b'mod solidali u indiviz bejniethom,

huma debituri ta' Strand Palace Agencies Limited fl-ammont ta' €23,924.75 (tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu); tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Ta' Natu Limited u Joseph Vella b'mod solidali u indiviz bejniethom ihallsu lil Strand Palace Agencies Limited is-somma ta' €23,924.75c (tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u hamsa u sebghin centezmu), bl-ispejjez u imghax kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Ta' Natu Limited u Joseph Vella flimkien.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------